MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 281/2004

**Cementstone Manufacturing Co. Ltd.**

**vs**

**Simon Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tmiejna u tmenin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,988.73) rapprezentanti l-prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-24 ta' Marzu 2004 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-merkanzija u cioe' mis-7 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------